**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Numru: 427/2022**

Il-Pulizija

vs

**Patrick Gatt**

Iben Emanuel u Carmen nee Pace, imwieled Pieta', Malta fl-14 ta' Marzu 1974, residenti 47, John Borg Street, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 212274(M)

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Patrick Gatt, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-21 ta` Frar 2009, kif ukoll fit-tnax-il xahar ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni

maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

c) U aktar talli kkommetta l-imsemmija reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendati u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i), kif ukoll it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonjiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundanatu għall-piena ta' tnax-il (12) xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. Ukoll, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi

Kriminali, ordnat lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri ossia l-ispejjeż relatati mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mitejn u ħdax-il ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€211.87) u dan fi żmien xahrejn millum. Finalment, il-Qorti ordnat r-rilaxx favur il-ħati tas-somma ta' ħames mitt ewro (€500) fi flus kontanti esebita bħala Dok. DT. Hija ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. DT 1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Patrick Gatt, ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tannulla s-sentenza appellata; jew
2. Tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija; jew
3. Fin-nuqqas tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier tagħha barra il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tagħti piena aktar ekwa u ġusta.

Rat li nhar l-14 ta' Diċembru 2022, l-appellant, talab lil dina l-Qorti sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ħadet konjizzjoni tax-xhieda ta' Maria Caruana u Dr Joseph Spiteri, hekk kif indikati fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Patrick Gatt" (497/2020).

Rat li permezz ta' nota ntavolata nhar is-16 ta' Jannar 2023, ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali stqarr li l-unika kaz pendenti apparti l-appell odjern li għandu l-appellant huwa appell ieħor biss, liema appell iġib in-numru 497/2022 u li jinsab pendenti quddiem dina l-Qorti hekk kif preseduta.

Rat illi permezz ta' digriet datat l-24 ta' Frar 2023, l-Qorti laqgħat it-talba tal-appellant u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, irreferiet lill-istess appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga

ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 u ordnat il-komunika tad-digriet tagħha lil dan il-Bord sabiex hu jottempera ruħu ma' dak dispost fl-artikolu 8(10) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' nota bil-miktub.

Rat il-konklużjoni tal-Bord datata 6 ta' Marzu 2024 fejn ġie deċiż li l-każ tal-appellant ingħalaq b'suċċess.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ippreżentata mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi għalkemm l-appellant ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi il-funżjoni ta' Qorti dwar id-Droga, madanakollu huwa ma rrinunzjax għall-aggravji mqajjma minnu fir-rikors tal-appell tiegħu u għaldaqstant l-Qorti ser tgħaddi sabiex tezamina l-istess.

Illi, fl-ewwel aggravju minnu vventilat, l-appellant qed jeċepixxi n-nullita' tas-sentenza appellata fejn huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti naqqset milli ssemmi l-Artikoli tal-Liġi li dwarhom sabet ħtija fil-konfront tiegħu.

Illi, mall-ewwel, l-Qorti ttenni li l-appellant m'għandux raġun fl-ilment minnu mressaq. Id-diċitura ta' l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija ċara u tiddisponi illi –

> **"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti illi tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Fuq kollox –

> **Meta, pero', ...... mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun ġie misjub ħati l-imputat, il-formalizmu m'hemmx postu u għandha tiġi salvata s-sentenza.** [1]

Illi, għalhekk jidher ċar li r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi, minn ħarsa lejn id-*deċide* fis-sentenza appellata huwa bil-wisq evidenti illi d-dettami ta' l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ġew pjenament osservati, bil-Qorti issemmi il-fatti b'mod dettaljat li sawwru il-każ, tindika d-dispożizzjonijiet tal-liġi kollha li fuqhom sejset is-sejbien ta' ħtija u imbagħad għaddiet biex tifliġġi il-piena konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni ta' reita'. Għaldaqstant ma hemm l-ebda nullita' fis-sentenza appellata, b'dan l-aggravvju jirrażenta il-fieragħ u konsegwentment l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-*controlled delivery* ma saritx skond il-liġi u għaldaqstant dana kien każ ta' "*entrapment*". Huwa jispjega li hekk kif jemerġi mill-provi prodotti, il-Pulizija naqqsu milli jitolbu l-awtorizżazzjoni meħtieġa għall-istess *controlled delivery* mill-Avukat Ġenerali jew mill-Maġistrat fit-termini tal-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jikkonsegwi għalhekk illi l-pulizija aġixxew ta' "*agent provocateurs*" sakemm huwa waqa' fin-nassa tagħhom u sussegwentement kien arrestat u mixli bit-traffikar tad-droga kokajina. Finalment huwa jisħaq li l-konsenja kontrollata kif ukoll kwalunkwe evidenza miġbura bis-saħħa tagħha hija lesiva tad-drittijiet tiegħu u għalhekk m'għandu jkollha ebda valur probatorju f'dawn il-proċeduri.

---

[1] "Il-Pulizija vs Emanuel Zammit" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Jannar 1986 & "Il-Pulizija vs Michael Zarb" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 2014.

Illi, dan il-każ ra t-twelid tiegħu meta fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Settembru 2008, l-Pulizija għamlet qabda ta' droga minn ġewwa l-istabbiliment "*Clique*" f'Paceville. Hemmhekk kienu interċettati tlett ġuvintur, ċertu Alfred Bonnici, Duncan Mangion u Wayne Nappa, ġewwa t-*toilet* fl-imsemmi stabbiliment, liema ġuvintur nstabu fil-pussess ta' 13-il pakkett kontenenti sustanza suspettata kokajina. Sussegwentement, Alfred Bonnici rrilaxxja stqarrija ġuramentata nhar is-16 ta' Settembru 2008, fejn huwa ikkonferma bil-ġurament il-kontenut tal-istqarrija minnu rilaxxjata lill-Pulizija nhar il-15 ta' Settembru 2008. Stqarr, *inter alia*, li kien l-appellant li ssupplixxieh bid-droga kokajina u dan bil-għan li din tkun traffikata. Dan wassal sabiex imbagħad, nhar il-21 ta' Frar 2009, tard filgħaxija, saret operazzjoni konġunta bejn membri ta' l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga u membri tas-CID, fejn bl-assistenza ta' Bonnici, kien arrestat l-appellant. Jirriżulta li hekk kif l-istess appellant lemaħ lill-Pulizija, huwa rema' pakkett mill-bieba tax-xufier tal-vettura tiegħu, liema pakkett irriżulta li kien jikkontjeni ħames boroż żgħar li kien fihom sustanza bajda, suspettata droga kokajina. Fuq il-persuna tal-appellant nstabu ukoll għaxar karti tal-50 Ewro.

Illi, matul is-smigħ tal-provi tal-Prosekuzzjoni ma sar ebda aċċenn għall-fatt li fl-okkazzjoni li fiha kien arrestat l-appellant kienet qed iseħħ xi konsenja kontrollata. Kien biss waqt il-kontro-ezami li sar lill-Ispettur Keith Arnaud, fl-istadju tal-provi tad-difiża, li sar aċċenn għall-ewwel darba għall-fatt li l-operazzjoni li waslet għall-arrest tal-appellant kienet qed iseħħ permezz tal-assistenza ta' Bonnici li, fuq istigazzjoni mill-pulizija, u fil-presenza ta'l-istess, ikkuntattja lill-appellant u tallbu sabiex jissupplixxih bid-droga u ftiehem miegħu fejn ser jiltaqgħu sabiex isir dan l-iskambju. Illi meta xehed in eżami dan il-fatt ma kienx imsemmi mill-iSpettur Keith Arnaud, li għal kuntrarju indika li l-interċettazzjoni ta' Gatt seħħ wara li il-pulizija kisbet informazzjoni kunfidenzjali li ser tiġi traffikata id-droga, u mhux illi fil-fatt din saret fuq istigazzjoni tal-pulizija stess bl-assistenza ta' Bonnici. Fil-fatt l-appellant spiċċa arrestat meta huwa iltaqa' ma' Bonnici għal dan il-għan injar mill-fatt illi dan kien qed jkun osservat mill-pulizija. Mela fil-waqt li Arnaud in eżami jixhed illi: -

> **".... fil-21 ta' Frar 2009 kellna informazzjoni li Patrick Gatt kien reġa' qed ibiegħ id-droga ġewwa Paceville u konna morna hemmhekk grupp ta' pulizija ..... nnuttajna lil Alfred Bonnici nieżel bil-pass lejn Triq Santu**

**Wistin, in-naħa tas-Swieqi. Jien ffolowjajt lil Alfred bil-pass ukoll ..... rajtu jirkeb fil-karozza .... Kif Alfred rikeb fil-karozza, jien mort mill-ewwel fuq il-karozza, in-naħa ta' Patrick tax-xufier u ghidtlu biex jieqaf bil-karozza introduċejt ruħi bħala pulizija u għidtlu biex jinżel minn ġol-karozza u ma jsuqx[2].”**

Imbagħad ix-xhud in kontro-eżami igħid hekk

**“Kien ċempillu Alfred Bonnici, kemm ikkonferma li ser ikun hemm hekk u qallu kif jitkellem miegħu s-soltu, qallu rrid għal sitta minn nies, bħala l-kliem li kienu juzaw bejnithom. U kienu ftehmu li jiltaqa' miegħu is-Swieqi, fejn it-tunnels tas-Swieqi qabel ma tinsel lejn Santu Wistin, lejn l-Eden Cinema. U konna morna hemm hekk. Kellna xi nies imqassmin just in case Patrick jipprova jaħrab minn fuq il-post. U jiena u tnejn oħra konna ffollowjajna lil Alfred biex kif imur biex jirkeb jiġi arrestat Patrick”.**

Ikompli jispjega illi t-telefonata bejn Bonnici u Gatt saret fil-presenza tiegħu, sabiex b'hekk il-verżjoni tal-fatti dwar kif kien interċettat Gatt u arrestat inbidlet.

Illi, l-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-istanza fejn tista' ssir konsenja kkontrollata jiddisponi s-segwenti –

**30B. (1) Minkejja kull haga li tinsab f'kull ligi ohra, il-Pulizija Ezekuttiva, u fejn inkun il-kaz, l-Awtoritajiet tad-Dwana, jistghu bil-kunsens tal-Avukat Generali jew ta' magistrat, ihallu li ssir konsenja kontrollata.**

**(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfisser it-teknika li biha konsenja illecita jew suspettata ta' medicina perikoluza (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjeta' jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1C) (a) tithalla tohrog minn Malta, tghaddi minn Malta jew tidhol Malta, jew tithalla tghaddi minn post jew minghand persuna f'Malta ghal post iehor jew persuna ohra f'Malta, jew tithalla tidhol fit-territorju ta' pajjiz iehor bil-kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Ezekuttiva u, fejn tkun il-kaz, tal-Awtorita' tad-Dwana u tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiz iehor, bil-ghan li jigu identifikati l-persuni involuti fl-eghmil tar-reati taħt din l-Ordinanza jew taht il-ligi korrispondenti li tkun issehh fit-territorju ta' dak il-pajjiz iehor.**

**(3) Il-Pulizija Esekuttiva jew xi persuna taht is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija jew direzzjoni tal-Pulizija Esekuttiva tista' bil-kunsens tal-Avukat Generali jew ta' magistrat, bil-ghan li tidentifika persuni involuti fl-eghmil tar-reati taht din l-ordinanza, takkwista jew tipprokura medicina perikoluza (kif imfissra fl-artikolu 12) jew konsenja suspetta ta' flus, proprjeta' jew**

[2] Fol.51 tal-atti

**rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1C)(a) minghand kull persuna u minn kull post.**

Illi, l-awtorizżazzjoni rikjesta mill-Liġi biex issir l-operazzjoni mill-pulizija fejn Bonnici kien minnhom instigat sabiex jakkwista d-droga minn għand l-appellant ma temerġi minn imkien mill-provi, la b'mod verbali u wisq anqas bil-kitba.

Illi każ analogu kien trattat fil-każ "***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani***" fejn kien hekk deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Jannar 2020 –

**20. Din il-Qorti hi tal-fehma illi konsenja kontrollata hija kwistjoni serja li tirrikjedi li tkun dokumentata b'dettalji precizi ghaliex hafna drabi si tratta ta' awtorizazzjoni sabiex droga, wisq drabi f'ammonti sostanzjali, tithalla f'idejn persuni anke intercettati bl-istess droga kif ukoll li jsir hlas ghaliha bi flejjes li dwarhom tkun mehtiega ukoll prova ta' provenjenza u prova li jkunu l-istess flejjes f'kaz li n-negozju jkun sar bis-sahha ta' dik il-konsenja kontrollata. Oltre dan, jehtieg li jkun accertabbli li dik il-konsenja kontrollata tkun saret kif awtorizzata mill-Avukat Generali jew mill-magistrat u fil-konfront tas-suspettat imsemmi fl-awtorizazzjoni. Ghalkemm mhux necessarju li l-Pulizija tizvela min hi l-persuna li informata bl-allegat pjan ta' traffikar, jehtieg almenu li jkun hemm indikazzjoni tad-destinazzjoni intiza, mahsuba jew suspettata u dettalji ohra biex juru li dik l-awtorizazzjoni inghatat ghal dik l-operazzjoni fi hdan tali nformazzjoni moghtija lill-Avukat Generali jew lill-magistrat skont il-kaz;**

…

**24. Huwa inkoncepibbli li Magistrat jawtorizza l-konsenja kontrollata fit-termini tal-artikolu 30B tal-Kap 101 jekk mhux bil-forma miktuba. Issa jekk din ghall-ewwel issirx bil-fomm u aktar tard tkunx segwita bil-miktub ghal-fini ta' espedjenza hija kwistjoni ta' dettal insinjifikanti ghaliex anke jekk kif jigri fil-prattika, l-Pulizija tipprezenta talba direttament f'idejn magistrat u l-istess magistrat jakkorda t-talba naturalment ikun sufficjenti. Kontra dak li jsehh fil-kwistjoni ta' mandat ta' zamma u tfittxija, il-Pulizija jkun jehtigilha zzomm dak il-mandat f'idejha u turih lill-persuna mizmuma jew li dwarha ssir il-perkwisizzjoni. F'kaz bhal dak odjern certament mhux mistenni bl-ebda tigbid tal-imaginiazzjoni li l-Pulizija turi dik l-awtorizazzjoni meta taghmel l-arrest, izda dik l-awtorizazzjoni certament hi mehtiega fi stadju ulterjuri f'kaz ta' prosekuzzjoni. Dak li hu ta' importanza f'dan kollu, izda, hu li tkun tezisti dik id-dokumentazzjoni li turi l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali jew tal-magistrat;**

Illi, tali awtoriżazzjoni rikjesta mill-Liġi f'dan il-każ ma kienx hemm, sabiex b'hekk il-konsenja kontrollata ma saritx in ottemperanza mal-liġi. L-appellant jikkontendi allura li din il-prova ma tiswiex għaliex tikkostitwixxi forma ta' *entrapment.*

Illi saħansitra qabel ma kienu introdotti id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 30B tal-Kapitolu 101, l-*entrapment* għalkemm kien iservi bħala difiża, madanakollu kien jiswa biss għal fini ta' mitigazzjoni fil-piena u mhux għal eżonerazzjoni mir-responsabbilita' kriminali għaliex kif kien deċiż mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali (sede superjuri) fis-sentenza ***Ir-Repubblika Ta' Malta Vs Eugenio Sive Genio Gaffarena***:

> **"... m'hemmx ikkontemplata fil-ligi taghna xi ezenzjoni mir-responsabbilita' kriminali ghal min jikkommetti reat taht l-istigazzjoni ta' agent provokatur tal-pulizija, sakemm hu ppruvat li dak li jkun, ikun agixxa xjentement. Il-bniedem hu prezunt mil-ligi li jintendi u jrid dak li jaghmel u l-ezenzjoni mir-responsabblita' kriminali hi relatata biss ma' l-incapacita' di intendere e' di volere, ma' certu tip ta' bonafede, mal-kuncett ta' coercion (vide artikolu 33 (b) tal-Kap. 9), mal-kuncett f'certu sens limitat ta' necessistas, mad-dritt tal-legittima difiza u mal-kuncett tas-subjezzjoni civili f'sens limitat hafna u ma xejn izjed.**
>
> **Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tistax issib bazi legali fil-limiti tas-sistema taghna li bih galadarba li persuna "intrappolata" tkun agixxiet xjentement, tikkunsidra bhal li kieku ma ghamlet xejn hlief fejn l-ingann ikun tali li jinducih jahseb li qed jaghmel xi haga tajba u utili minflok att ta' vjolazzjoni ovvja tal-ligi. Fis-sistema taghna ma tezistix il-possibbilita' li persuna li tkun ikkommettiet reat ghaliex imhajra, istigata, ikkmandata minn haddiehor, tkun ezenti mir-responsabbilita' kriminali, jekk tkun agixxiet xjentement u ma tikkwalifikax taht xi ezenzjoni ohra minn dawk imsemmija."**

Illi, kif ġie ritenut ukoll fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelo Bilocca u Priscilla Cassar" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar 16 ta' Ottubru 2019 –

> **... stratagemmi konsistenti f` operazzjonijiet ta' konsenji kkontrollati u ta` uzu ta' agenti provokaturi li permezz taghhom il-pulizija jikxfu atti kriminali mhumiex atti li jmorru kontra l-ligi. Dan isehh biss meta jintwera b'mod konvincenti li r-reat ma kienx ser jigi mwettaq li kieku ma kienx ghal dak l-intervent tal-agent provokatur, li min-naha tieghu jkun induca lill-individwu biex iwettaq reat.**
>
> **Diversament ikun il-kaz jekk l-individwu koncernat xorta kellu l-hsieb li jwettaq dak ir-reat indipendentement mill-intervent tal-agent f`liema kaz ma**

**jkunx hemm 'entrapment' billi ma jkunux l-agenti provokaturi l-fattur determinanti li jkunu nducew lil dak l-individwu biex jikkommetti r-reat.**

Jingħad illi hemm distinzjoni bejn l-użu li l-investigaturi jagħmlu ta' informazzjoni li tiġi mgħoddija lilhom u li tista' tixpruna xi investigazzjoni u l-involviment dirett ta' persuna jew persuni li jkunu fornew dik l-informazzjoni f'operazzjoni polizjeska li ssir bil-moħbi. Fl-ewwel istanza l-involviment tal-investigaturi fl-eżekuzzjoni tad-delitt investigat tibqa' waħda passiva kuntrarjament għall-involviment dirett u rejali li jseħħ meta ikun hemm dik l-operazzjoni kkontrollata, u li twassal sabiex is-suspettat jinqabad jikkometti l-att inkriminatorju. Jikkonsegwi illi jrid ikun hemm il-parteċipazzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva fl-operazzjoni u mhux sempliċement sorveljanza minn naħa tagħhom fuq suspettat aġir inkriminatorju, għaliex altrimenti għal kull operazzjoni investigattiva jkun jenħtieġ l-awtorizazzjoni tal-Maġistrat jew inkella tal-Avukat Ġenerali

Illi, fil-kaz odjern, Alfred Bonnici mhux biss huwa ikkunsidrat bħala *informant* iżda huwa aġent provokatur *par excellence* li assista b'mod attiv lill-pulizija sabiex jinterċettaw lill-appellant filwaqt li kien qed isir it-traffikar tad-droga, u li fuq istigazzjoni ta' din l-operazzjoni polizjeska l-appellant wasal biex jikkonsenja d-droga lil Bonnici.

Issa mill-provi li hemm fl-atti jidher illi kien hemm ftehim fuq saqajh bejn l-appellant u bejn Bonnici fejn huwa kien ifornielu d-droga, b'Bonnici imbagħad imexxieha bi profitt kemm għalih kif ukoll għall-appellant. Dan seħħ f'iktar minn okkażjoni waħda u għalhekk jmerġi xenarju fejn jidher li l-appellant kien midħla tad-dinja tad-droga. Jidher, madanakollu li Bonnici kien waqaf jipparteċipa f'din il-konġura għax inqabad mill-pulizija u meta ġara hekk, irrealiżża li l-aktar triq prudenti li seta' jieħu kien li jikkopera mal-Pulizija, kif filfatt għamel. Jirriżulta ukoll illi l-operazzjoni polizjeska, bl-assistenza ta' Bonnici bħala aġent provokatur, seħħet saħansitra ħames xhur wara l-arrest ta' Bonnici meta kienet emerġiet l-informazzjoni li l-appellant kien qiegħed jittraffika d-droga. Issa għalkemm l-Ewwel Qorti qiset illi l-konsenja kontrollata ma kinitx waħda awtoriżżata skont il-liġi, madanakollu ma warrbitix u dan għaliex

skartat id-difiża imqanqla mill-appellant li din sarrfet f'sitwazzjoni ta' xi forma ta' "*entrapment*".

Fis-sentenza ***Regina vs Loosely (House of Lords [2001] UKHL 53)*** deciza fil-25 t'Ottubru 2001 ingħad illi:

> ***"Accordingly, one has to look elsewhere for assistance in identifying the limits to the types of police conduct which, in any set of circumstances, are acceptable. On this a useful guide is to consider whether the police did no more than present the defendant with an unexceptional opportunity to commit a crime. I emphasise the word unexceptional. The yardstick for the purpose of this test is, in general, whether the police conduct preceding the commission of the offence was no more than might have been expected from others in the circumstances. Police conduct of this nature is not to be regarded as inciting or instigating crime, or luring a person into committing a crime. The police did not more than others could be expected to do. The police did not create crime artificially."***

Illi allura minn dan l-insejament jemerġu żewġ elementi li jridu jkunu ippruvati sabiex tirriżulta l-hekk imsejjħa *entrapment* u ċioe' illi:

i. L-Istat ikun direttament involut fl-istigazzjoni sabiex ikun kommess ir-reat.
ii. In-nuqqas jew aħjar l-assenza ta' predisposizzjoni mill-aġent li jinvolvi ruħu f'din l-imġieba kriminali.

Iffisser għalhekk illi meta l-aġent ikun qed jiġi sollecitat biss biex jikkometti reat li huwa predispost u lest li jikkometti, u mhux indott b'influwenza żejda u persważjoni biex jikkometti att inkriminatorju li jidħol biex iwettaq b'mod innoċenti injar mill-implikazzjonijiet ta' dan l-aġir jew imħajjar biex jinora dawn l-implikazzjonijiet, allura id-difiża tal-*entrapment* ma tistax tirnexxi. Persuna li tingħata ċ-ċans jew l-opportunita'li twettaq reat mingħajr ebda influwenza żejda, sfurzar, jew persważjoni mill-puliżija f'sitwazzjoni fejn l-individwu diġà jippossjedi l-inklinazzjoni jew il-predispożizzjoni li jinvolvi ruħu f'imġieba kriminali, u l-puliżija sempliċement tipprovdi l-ambjent jew l-okkażjoni fejn il-persuna tista' tagħżel li taġixxi fuq il-predispożizzjonijiet tagħha, allura ma jammontax għal *entrapment*.

> ***258. The Court has defined entrapment, as opposed to a legitimate undercover investigation, as a situation where the officers involved - whether members of***

*the security forces or persons acting on their instructions – do not confine themselves to investigating criminal activity in an essentially passive manner, but exert such an influence on the subject as to incite the commission of an offence that would otherwise not have been committed, in order to make it possible to establish the offence, that is to provide evidence and institute a prosecution (Ramanauskas v. Lithuania [GC], 2008, § 55).*

*259. In deciding whether the investigation was "essentially passive" the Court examines the reasons underlying the covert operation and the conduct of the authorities carrying it out. In particular, it will determine whether there were objective suspicions that the applicant had been involved in criminal activity or was predisposed to commit a criminal offence (Bannikova v. Russia, 2010, § 38).*

*260. In its assessment the Court takes into account a number of factors. For example, in the early landmark case of Teixeira de Castro v. Portugal (1998, §§ 37-38) the Court took into account, inter alia, the fact that the applicant had no criminal record, that no investigation concerning him had been opened, that he was unknown to the police officers, that no drugs were found in his home and that the amount of drugs found on him during arrest was not more than the amount requested by the undercover agents. It found that the agents' actions had gone beyond those of undercover agents because they had instigated the offence and there was nothing to suggest that without their intervention the offence in question would have been committed.*

*261. A previous criminal record is not by itself indicative of a predisposition to commit a criminal offence (Constantin and Stoian v. Romania, 2009, § 55). However, the applicant's familiarity with the modalities of the offence (Virgil Dan Vasile v. Romania, 2018, § 53) and his failure to withdraw from the deal despite a number of opportunities to do so or to report the offence to the authorities, have been considered by the Court to be indicative of pre-existing criminal activity or intent (Gorgievski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, 2009, § 53; Matanović v. Croatia, 2017, §§ 142-143).*

*262. Another factor to be taken into account is whether the applicant was pressured into committing the offence in question. Taking the initiative in contacting the applicant in the absence of any objective suspicions that the applicant had been involved in criminal activity or was predisposed to commit a criminal offence (Burak Hun v. Turkey, 2009, § 44; Sepil v. Turkey, 2013, § 34), reiterating the offer despite the applicant's initial refusal, insistent prompting (Ramanauskas v. Lithuania [GC], 2008, § 67, contrast Ramanauskas v. Lithuania (no. 2), 2018, § 68, where the applicant himself asked to be contacted), raising the price beyond average (Malininas v. Lithuania, 2008, § 37) and appealing to the applicant's compassion by mentioning withdrawal symptoms (Vanyan v. Russia, 2005, §§ 11 and 49) have been regarded by the Court as conduct which can be deemed to have pressured the applicant into committing the offence in question, irrespective of whether the agent in*

*question was a member of the security forces or a private individual acting on their instructions.*

*263. A further question of importance is whether the State agents can be deemed to have "joined" or "infiltrated" the criminal activity rather than to have initiated it. In the former case the action in question remains within the bounds of undercover work. In Milinienė v. Lithuania (2008, §§ 37-38) the Court considered that, although the police had influenced the course of events, notably by giving technical equipment to the private individual to record conversations and supporting the offer of financial inducements to the applicant, their actions were treated as having "joined" the criminal activity rather than as having initiated it as the initiative in the case had been taken by a private individual. The latter had complained to the police that the applicant would require a bribe to reach a favourable outcome in his case, and only after this complaint was the operation authorised and supervised by the Deputy Prosecutor General, with a view to verifying the complaint (for similar reasoning, see Sequieira v. Portugal (dec.), 2003; Eurofinacom v. France (dec.), 2004).*

*264. The manner in which the undercover police operation was launched and carried out is relevant in assessing whether the applicant was subjected to entrapment. The absence of clear and foreseeable procedures for authorising, implementing and supervising the investigative measure in question tips the balance in favour of finding that the acts in question constitute entrapment: see, for example, Teixeira de Castro v. Portugal, 1998, § 38, where the Court noted the fact that the undercover agents' intervention had not taken place as part of an official anti-drug-trafficking operation supervised by a judge; Ramanauskas v. Lithuania [GC], 2008, § 64, where there was no indication of what reasons or personal motives had led the undercover agent to approach the applicant on his own initiative without bringing the matter to the attention of his superiors; and Tchokhonelidze v. Georgia, 2018, § 51, where there was no formal authorisation and supervision of the undercover operation in question.*

*265. In Vanyan v. Russia, 2005 (§§ 46-47), where the Court noted that the police operation had been authorised by a simple administrative decision by the body which later carried out the operation, that the decision contained very little information as to the reasons for and purposes of the planned test purchase, and that the operation was not subject to judicial review or any other independent supervision. …*[3]

Illi minn eżami tal-atti għalkemm huwa minnu li l-appellant kien indott fil-kummissjoni ta' reat minn strataġemma tal-pulizija, u allura jirriżulta l-ewwel element hawn fuq indikat, liema operazzjoni polizjeska saret mingħajr l-awtorizazzjoni tal-

[3] Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (criminal limb) -Updated on 31 August 2024.

Maġistrat jew ta'l-Avukat Ġenerali, madanakollu ma jidhirx illi huwa wasal biex jittraffika id-droga lil Bonniċi njar mill-illegalita' tal-att minnu kommess, jew inkella li dan ma kienx ser jikkometti dan ir-reat li kieku ma kienx indott jagħmel hekk. Minn dak li jixhed Bonnici jidher illi kien hemm fuq saqajha konġura kriminali bejniethom fejn l-appellant kien bl-assistenza ta' Bonnici jittraffika id-droga b'mod regolari tant illi l-pulizija diġa' kellhom suspett fuqu. Kwindi għalkemm kien nieqes il-kunsens tal-Maġistrat jew ta'l-Avukat Ġenerali sabiex issir din il-konsenja, madanakollu din l-istrataġemma użata f'din l-operazzjoni polizjeska ma tistax titqies illi hija inammissibbli bħala prova, għalkemm bin-nuqqas ta' dan il-kunsens, il-prova li l-prosekuzzjoni tfittex li tagħmel tista' tiddgħajjef. Fuq kollox mill-provi kkumpilati ma jidhirx illi din hija l-unika evidenza li l-Prosekuzzjoni straħet fuqha sabiex issaħħaħ l-akkuża ta' traffikar, billi hemm provi suffiċjenti fl-atti, immaterjalment minn din l-operazzjoni polizjeska, li jindikaw l-invovliment tal-appellant f'ċirku ta' traffikar ta' droga. Kwindi dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jgħaddi sabiex jilmenta ukoll mill-istqarrija ġuramentata magħmula minn Alfred Bonnici. Iqis illi li kieku Bonnici kien mogħti d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu, ma kienx jasal biex jimplikah u ma kienx ikun komparteċipi f'*control delivery* kontra l-liġi. Fil-fehma tal-appellant stante illi ma ngħatax dan il-jedd, l-istqarrija tiegħu kellha tkun skartata.

Illi, Alfred Bonnici rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar il-15 ta' Settembru 2008, liema stqarrija huwa għazel li jikkonferma bil-ġurament quddiem l-Inkwirenti nhar is-16 ta' Settembru 2008. F'dan iż-żmien huwa paċifiku illi l-liġi ma kenitx tagħti jedd lil persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat li jkollha l-assistenza legali filwaqt li tkun qed tiġi mitkellma mill-pulizija. Illi sussegwentement, madanakollu, Alfred Bonnici xehed bil-ġurament quddiem l-Ewwel Qorti fejn ikkonferma illi kien l-appellant li kien jissuplixxih bid-droga, u li huwa kien ibiegħha għan-nom tiegħu u fuq istruzzjonijiet tiegħu versu korrispettiv. Fl-ebda ħin ix-xhud ma kkontesta l-ammissibilita' ta' l-istqarrijiet minnu rilaxxjati jew il-veraċita' tal-kontenut tagħhom.

Illi, dwar dana l-punt, *ormai* tezisti ġurisprudenza kostanti fir-rigward. Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi', deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Frar, 2017 ġie ritenut li: –

**14. Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-qorti hawnhekk hija jekk l-istqarrija tax-xhud ewlieni fil-każ tal-attur – u cioè Maria Assunta Vella – hijiex valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra l-attur u dan minħabba l- fatt li l-istess stqarrija ttieħdet mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni ta' Maria Assunta Vella mingħajr ma' din kellha l-opportunità sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni.**
**15. Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diġà kien trattat fis- sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et. F'dik il-kawża Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri fil- konfront tiegħu. Din il-qorti kienet qalet hekk:**

**»Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel listqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – fil-każ tallum iż- żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f`xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l- istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli.«**

**16. Din il-qorti adottat dan l-istess raġunament fis-sentenza tagħha mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Patrick Spiteri fejn kienet qalet hekk:**

**»37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux illi min hu akkużat b`reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b`xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f kull każ jinstab mhux ħati u illi l-equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.**
**»... ... ...**
**»39. ... ... ... ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma**

**jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.**
**»40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.«**

**17. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li ttieħdet waqt l-interrogazzjoni tagħha ttieħdet mingħajr ma' kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet l- istqarrija kellha kull fakoltà li tikkontestaha iżda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċaħdithiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur taljeddijiet fondamentali tagħha – għalkemm kellha kull fakoltà li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu l- attur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtuh il-jedd għal smiegħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel il-kontro- eżami lixxhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu. 18. Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju li ressaq l-attur huwa miċħud.'**

Illi, għalhekk din il-Qorti tqis li nonostante l-fatt li l-istqarrija ta' Alfred Bonnici ittiehdet fi żmien meta suspettat ma kienx jingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti, kemm qabel u kemm waqt l-istqarrija, mhux biss l-istess Bonnici għazel li jiġġuramenta l-istqarrija tiegħu izda ukoll xehed quddiem l-Ewwel Qorti u qatt ma kkontesta l-ammissibilita' jew il-kontenut tal-istqarrijijiet rilaxxati minnu. Tirribadixxi fuq kollox illi l-inammissibbilita' ta'l-istqarrija ta' persuna fil-qorti konsegwenza tal-fatt illi hija ma tkunx ingħatat l-assistenza legali tista' tkun leżiva tad-dritt għal smigħ xieraq fi proċeduri penali li jittieħdu kontra dik il-persuna, liema leżjoni madanakollu ma tistax tkun riskontrata meta dik l-istqarrija tkun tax-xhud u mhux tal-akkużat. Għalhekk din il-Qorti tqis li tali stqarrijiet għandhom jibqgħu fl-atti bħala provi ammissibli u m'għandhomx jiġi skartati. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fir-raba' aggravju l-appellant jilmenta mill-fatt li l-analizi tad-droga in kwistjoni saret minn laboratorju mhux akkreditat. Huwa jisħaq li minħabba f'hekk, l-analiżi li saret għandha tiġi ddikjarata inammissibbli u għandha tkun skartata.

Illi, dina l-Qorti diġa' kellha l-opportunita' kemm il-darba tippronunzja ruħha fuq dan il-punt kontrovers f'diversi kawżi fosthom dik fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Theresa Agius" deċiża nhar it-28 ta' Lulju 2023. Jiġi ribadit illi l-għan wara l-*istandard* ta' akkreditazzjoni hekk imsejħa ISO/IEC 17025 jippermetti lill-laboratorji juru li qegħdin joperaw b'mod kompetenti u li jiġġeneraw riżultati validi, u b'hekk isaħħu l-fiduċja fix-xogħol tagħhom kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll madwar id-dinja. Dan ma jfissirx, madanakollu, illi jekk analiżi ma tkunx saret f'laboratorju akkreditat allura il-prova magħmula permezz ta' dik l-analiżi hija waħda inattendibbli jew monka fil-kontenut tagħha, u li l-konklużjonijiet milħuqa minn dik l-analiżi huma difettużi. Illi l-valur probatorju ta' evidenża jitkejjel mill-probabbiltà li dik l-evidenza tilħaq l-iskop tagħha ta' prova ta' fatt rilevanti għal każ. Dan hu wieħed mill-elementi ewlenin tal-ammissjoni tal-provi, peress li l-provi ammessi għal ġudizzju għandhom ikunu rilevanti, u għandhom ikunu tali illi jirrendu l-fatt in ġudizzju aktar probabbli jew inqas probabbli li seħħ, tkun kemm tkun żgħira l-probabbiltà tagħha. Dan ifisser illi diment li l-evidenza tkun rilevanti għal '*facts in issue*' din m'għandiex titwarreb leġġerment sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni espressa tal-liġi li teskludi l-ammissjoni ta' dik l-evidenza bħala prova in atti, u li allura tirrendieha inammissibbli.

Issa ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li tinneċċessita illi laboratorju forensiku fejn isir l-analiżi ta' sustanzi illeċiti għandu jkun akkreditat skont l-i*standard* hawn fuq imsemmi. Dan għaliex il-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, u allura il-qafas regolatorju Ewropew li abbażi ta'l-istess huma imfassla dawn ir-regolamenti, japplika unikament għall-evidenza dattiloskopika u għall-analiżi tad-*DNA*. Il-liġi hija ċara u ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni, bir-regolament 6, imbagħad, iħalli f'idejn il-qrati

nazzjonali li jaddottaw dawk ir-regoli u liġijiet li jikkonċeraw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza mqiegħda quddiemhom[4].

Di fatti dan il-qafas regolatorju jispjega li:

> ***"That objective is to be achieved by preventing and combating crime through closer cooperation between law enforcement authorities in the Member States, while respecting the principles and rules relating to human rights, fundamental freedoms and the rule of law on which the Union is founded and which are common to the Member States"*.**

Dan ifisser illi l-għan wara id-Deċiżjoni Kwadru huwa illi jkun hemm koperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalita' u dan billi fl-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw b'suċċess attivitajiet kriminali bil-ħtieġa allura li jkunu stabbiliti *standards* komuni għal fornituri ta' servizzi forensiċi. Mhuwiex l-għan wara din il-liġi illi tistabbilixxi regoli ġodda dwar l-ammissibbilta' ta' evidenza jew il-valur probatorju ta'l-istess kif speċifikat fl-artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas innifisha fejn jingħad ċar u tond illi: **"Din id-Deċiżjoni Qafas ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza,"** bil-Preambolu 16 jispeċifika fl-għanijiet tad-Deċiżjoni Kwadru illi "***This Framework Decision does not aim to harmonise national rules regarding the judicial assessment of forensic evidence"*.**

Illi, għaldaqstant huwa ormai palezi li din il-liġi tapplika esklussivament għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, aktar -il fuq iċċitat. *In oltre*, l-għan wara l-liġi hija li jkun hemm *standards* fir-rigward tal-attivita' fil-laboratorji forensiċi fl-Istati Membri li jkunu uniformi u mhux li b'xi mod ikun hemm indħil fil-mod kif l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' kull Stat Membru jivvalutaw ġudizzjarjament l-evidenza. Kwindi ma għandux ifisser illi għaliex l-analiżi forensika tad-droga ma tkunx saret f'laboratorju

[4]"l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza,"

awtomatikament dik l-analiżi hija nieqsa minn valur probatorju jew hija difettuża, kwistjoni li trid tiġi determinata biss mill-evidenza u mhux għaliex il-laboratorju ma jkunx wieħed akkreditat.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi, imbagħad, l-appellant jgħaddi sabiex jilmenta mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, senjatament dwar in-nuqqas ta' kreddibilita' tax-xhud Alfred Bonnici. Issa l-Ewwel Qorti, li kellha l-opportunita' tara u tisma' lix-xhud jixhed *viva voce,* għoġobha tagħtih affidament, u allura, sakemm ma hemmx xi motiv li l-liġi jew ir-raġuni tindika illi dan l-apprezzament ma kienx wieħed validu, din il-Qorti qajla ser tgħaddi biex tiskossa l-ġudizzju magħmul in prim'istanza. Dan ukoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali[5].

Illi, kif diġa' ingħad fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Settembru 2008, il-Pulizija nterċettat tlett ġuvintur – Alfred Bonnici, Duncan Mangion u Wayne Nappa – ġewwa t-*toilet* fl-istabbiliment Clique qed jinnegozjaw fid-droga, fejn fil-pussess tagħhom kienu misjuba 15-il pakkett kontenenti sustanza suspettata kokajina. L-iSpizjar Mario Mifsud ikkonstata li l-piż totali tal-kokajina misjuba kienet dik ta' 5,063 grammi b'purita ta' ċirka 43.7%.

Illi, sussegwentement, Alfred Bonnici rrilaxxja stqarrija ġuramentata nhar is-16 ta' Settembru 2008, fejn huwa implika lill-appellant bħala l-persuna li kien jissupplixxih

---

[5]... id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

bid-droga bil-għan li din tkun ittraffikata u dan f'iktar minn okkażjoni waħda. Jikkonferma li l-appellant għandu *Taxi* bajda BMW 525, bin-numru ta' reġistrazzjoni BTY-037, u li kien jafu għax kien joħroġ ma' oħtu u kien konxju li Gatt kien qed ibiegħ id-droga kokajina. Mistoqsi kif jaf dan il-fatt, huwa wieġeb:–

> "**Għax xi xahrejn ilu, kont tlajt Paceville u waqaft nitkellem miegħu bħalma ġieli għamilt. Sa dak iz-zmien jien ma kontx għadni naf li iħawwad fid-droga. Dakinhar niftakar li kien xi ħin sbieħ filgħodu u jien waqaft nitkellem ma' Patrick u ħin minnhom ġie raġel u qallu biex iwasslu imma ma smajtux jgħidlu fejn. Patrick qallu biex jirkeb fit-taxi u lili qalli biex nirkeb ukoll. Jien mort magħhom. Jien irkibt fuq is-seat ta' quddiem u ir-raġel rikeb wara ... Patrick saq lejn ix-Xatt ta' San Ġiljan u dar fi triq fuq ix-xellug x'imkien faċċata tal-Pizza Hut u daħal ġo triq mudlama. Tefa' x'imkien mal-ġenb u minn ġod-dashboard ħareġ pakkett tal-plastic bi trab abjad fih. Dan tah lir-raġel li kien riekeb magħna, ir-raġel ħallsu €70 u imbagħad reġa' saq lura lejn il-venda u lil dan ir-raġel waqqfu fejn ir-roundabout viċin tal-venda ta' tal-linja. Ir-raġel nizel u Patrick saq lura lejn il-venda tat-taxis ta' Paceville. Qabel inzilt, Patrick tani €10 għax kien jaf li jien qiegħed broke u qalli biex ma nparla ma' ħadd, lanqas ma' oħti. Wara jien tlaqt l-hemm**".

Illi, jkompli jispjega li dik kienet l-unika okkazzjoni fejn kien osserva lill-appellant ibiegħ id-droga imma kien jaf li dejjem ikollu l-kokajina fit-*taxi* "**għax meta jarani, dejjem jgħidli biex jekk inkun naf lil xi ħadd li jrid jixtri, inċempillu u jiġi**". Ammetta ukoll li l-appellant kien ġieli tah xi pakketti tad-droga sabiex ibiegħhom: –

> "**L-ewwel darba li tani kien il-weekend li għadda. Dakinhar kien is-Sibt li għadda, jiġifieri is-6 ta' Settembru 2008 u niftakar għax fit-8 ta' Settembru kelli l-birthday, iltqajt ma' Patrick Paceville u waqafna nitkellmu. Hu staqsieni fejn kont sejjer u meta għidtlu li sejjer Paceville, staqsieni jekk ridtx neħodlu xi ħames pakketti coke. Jien peress li niddejjaq minnu għidtlu iva u hu tani ħames pakketti u qalli li jekk inbiegħhom kollha jagħtini €10 minn fuq kull pakkett**".

Illi, Bonnici stqarr li l-appellant kien qallu li kellu jbiegħ kull pakkett għall-prezz ta' €70 u li dawn il-pakketti kien ġabhom mid-*dashboard* tat-*taxi* tiegħu. Bonnici kien stqarr li dawn il-pakketti kien biegħhom kollha f'daqqa lil wieħed Taljan li kien ġo sqaq quddiem il-*121 Lounge Bar*, u wara kien għadda l-flus lil Gatt li kien tah €50 kif kienu ftehmu. *In oltre*, dwar l-episodju li wassal għall-arrest tiegħu, Bonnici stqarr illi:–

> **... ipparkjajt il-karozza fejn il-venda tal-linja u bdejt niezel Paceville bil-mixi. Waqaft fejn Patrick nitkellem u hu qalli biex nirkeb ħdejh fil-karozza. Jien dħalt u reġa' staqsieni jekk kontx ser noħodlu xi ħaġa oħra u jien għax**

**kif għidtlek qiegħed dari mal-ħajt u ukoll nidejjaq minnu, ma merjetux u għidtlu iva. Ilbieraħ ma fetaħx id-dashboard imma minflok ħareġ landa minn taħt is-seat tiegħu, fetahom quddiemi u qalli li kelli 14 -il pakkett coke biex inbiegħom €70 il-wieħed. Qalli li jekk inbiegħhom kollha kien ser jagħtini €70 u qalli ukoll li jekk ma nbiegħhomx ma nieħu xejn. Hu insista u zamm il-kliem li kien ser jagħtini jekk inbiegħhom kollha"**

**...**

**"Qalli ukoll li meta inkun aħjar bil-flus, qalli li kien ser iġibli kapsola coke tiswa €700 biex inbiegħa għalija u jien għidtlu li aħjar le fuq dak l-ammont. Imbagħad qalli li minflok iġibli sapuna smoke xi Lm400 u erġajt għidtlu le. Hu qalli ukoll li jekk inbiddel il-ħsieb, inkellmu".**

Illi, Bonnici jgħid li wara din d-diskursata huwa kien mar il-*121 Lounge Bar* u wara mar-*Clique* fejn iltaqa' ma' konoxxenza tiegħu bl-isem ta' Wayne: -

"**Wayne kien ħdejja u jien għidtlu li kelli l-coke biex forsi neħles minnha. Hu qalli li ried jippruvaha flimkien ma' sieħbu u qalli li jekk togħġbu lest li joħodha u jixtri gramma. Fuq prezz konna għadna ma ftehmnix flus" ... "Jien għidtlu biex imorru sat-toilet ħalli jippruvaha u wara li dħalna, hu qalli biex nistennih ftit ħalli jmur jgħajjat lil sieħbu. Jien bqajt waħdi fit-toilet u wara ftit ġie lura ma' sieħbu li jien dan qatt ma kellimtu. Daħħlu it-tnejn ġewwa u sakkru l-bieb. Sakemm Wayne mar jgħajjat lil sieħbu, jiena ilħaqt frixt pakkett fuq l-ixkaffa tat-toilet u filfatt meta ġew lura sabu il-coke lesta fuq l-ixkaffa. Sakemm kienu ser jibdew jirranġaw bejnithom dwar kif ser joħduha ġew il-Pulizija u filfatt lanqas ilħaqna tkellimna la fuq flus u lanqas fuq kif ser joħduha**".

Illi, fl-aħħarnett, Bonnici stqarr li "**anke lest ngħin lill-pulizija biex jikkonfermaw dan kollu li għadni kemm għidt imma nixtieq li tipproteġuni minn Patrick għax jien nibza' minnu u ma nixtieqx li jagħmilli xi ħaġa jekk ikun jaf li jien għidt dan id-diskors**".

Illi, ukoll, Alfred Bonnici xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn primarjament ikkonferma li kien ġie ssentenzjat u li anke kien skonta l-piena fuqu imposta. Huwa imbagħad għadda sabiex jikkonferma dak li kien stqarr lill-Pulizija, fosthom li fi tlett istanzi l-appellant kien għaddielu d-droga kokajina sabiex ibiegħha, u li fit-tielet darba kien inqabad, liema stqarrija kienet ikkonfermata bil-ġurament quddiem l-Inkwirenti.

Illi, għalkemm l-uniku xhud li jimplika lill-appellant f'dan iċ-ċirku ta' traffikar huwa Bonnici, madanakollu huwa kien konsistenti fil-maġġior parti tar-rakkont tiegħu, fejn jispjega fid-dettal kif l-appellant kien avviċinah u kif kien daħħlu f'dan iċ-ċirku tad-

droga. Jispjega ukoll l-*modus operandi* kif ukoll il-pagamenti li kienu jsiru, dettalji li huwa dejjem baqa' konsistenti dwarhom. Għalhekk, din l-Qorti tqis illi ma hemm ebda mottiv li jista' iwassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta ġiet għall-apprezzament ta' din l-evidenza. Fuq kollox mal-arrest tiegħu, fil-pussess tal-appellant instabet id-droga li kienet ippakkjata b'tali mod li tindika li din kienet lesta biex tiġi traffikata.

Dwar l-aggravju tal-mitt metru, dina l-Qorti tagħmel referenza għall-verbal tas-7 ta' Jannar 2011 fejn hemm imniżżel li:

> "**Id-difiza mhix qed tikkontesta illi l-allegat reat sar ġewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola jew club jew ċentru taz-zgħazagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu iz-zgħazagħ u għalhekk qed tezenta lill-prosekuzzjoni milli ġġib din il-prova**".

Għaldaqstant, dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint ukoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jilmenta ukoll dwar in-nuqqas li titressaq l-aħjar prova rigward id-droga li nstabet fit-triq mill-pulizija u jikkontendi illi ma hemm ebda prova oħra li tikkorrobora dak mistqarr mill-ispettur Keith Arnaud meta huwa iddikjara li osserva lill-appellant jarmi borża mill-bieba tal-vettura u li l-borża li sussegwentement instabet fit-triq kienet l-istess waħda li allegatament intremiet minnu. Fil-fehma tiegħu il-prosekuzzjoni kellha titlob illi dan id-dokument ikun analiżżat għal impronti diġitali, ħaġa li ma saritx u allura ma hemm ebda ness bejn l-eżebit u l-appellant. Illi lanqas ma ittieħdu ebda ritratti mill-uffiċjali tax-xena tar-reat sabiex ikun stabbilit il-post eżatt minn fejn id-droga kienet elevata.

Illi l-Ewwel Qorti eżaminat *funditus* il-fatti konstatati mill-investigaturi fl-investigazzjoni minnhom kondotta u l-lok fejn allegatament kienet misjuba din il-borża. Kien minnha stabbilit illi l-investigaturi sabu il-borża, li Arnaud igħid li ra lill-appellant jarmi mill-vettura tiegħu, hekk kif kien interċettat mill-pulizija, eżattament fil-post fejn l-Ispettur Arnaud indikalhom li osserva li din intremiet. Imbagħad iċ-

ċirkostanzi l-oħra li sawwru l-arrest tal-appellant, li kien jinsab fuq il-post proprju biex jiltaqa' ma' Bonnici bil-għan li jittraffika id-droga, kollha jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' illi dik id-droga ma kienet tappartjeni lil ħadd iktar ħlief lill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar aggravju minnu mressaq, l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu kienet waħda esaġerata u eċċessiva, u għalhekk jitlob mitigazzjoni fil-piena.

Illi t-talba magħmula mill-appellant fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala il-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġaladarba issa assumiet il-funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad.

Illi, mir-rapport tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fid-digriet tagħha tal-24 ta' Frar 2023, jirriżulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, mid-dokumenti u x-xhieda formanti parti mill-atti proċesswali odjerni, jirriżulta illi l-appellant kien afflitt minn dipendenza fuq id-droga kokajina u fuq ix-xorb, apparti li kellu problema tal-vizzju tal-logħob tal-ażżard. Kien anke taħt il-kura ta' psikjatra u psiko-analista. Jidher fuq kollox illi llum l-appellant huwa persuna rijabilitata, jieħu ħsieb lil ibnu, għandu ħajja stabbli u relazzjoni tajba mal-familja tiegħu, qed jaħdem u jimpenja ruħu bi sħiħ sabiex itejjeb is-sitwazzjoni tiegħu.

Illi, għalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti issa assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, tqies illi l-aggravju imressaq 'il quddiem mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jistħoqqlu akkoljiment.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-*proviso* tal-istess sub-artikolu, b'dan għalhekk illi ladarba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura tal-imputazzjonijiet li dwarhom l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija il-piena idoneja.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa',** ***in parte,*** **l-appell interpost u tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:**

i) **Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u**
ii) **Tikkonfermaha fil-parti fejn ordnat lill-appellant sabiex iħallas l-ispejjez peritali ammontanti għal €211.87 fi zmien xahrejn mid-data ta' din s-sentenza; u**
iii) **Tikkonfermaha fil-parti fejn ordnat ir-rilaxx favur l-appellant tas-somma ta' €500 bħala flus kontanti, esebiti bħala Dok. DT; u**
iv) **Tikkonfermaha fil-parti fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezebita (Dok. DT1), hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni, u**
v) **Tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-perijodu ta' tnax-il xahar priġunerija effettivi, u minflok wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għal perijodu ta' tnax-il xahar prigunerija, liema perijodu ta' priġunerija għandu jkun sospiż għal żmien erba' snin (4) mil-lum. Tikkonferma il-multa inflitta fl-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu**

**14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.**

Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattivi ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan kif imfisser fis-subartikolu (8) għall-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Edwina Grima**
**Imħallef**